# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 323/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 6**

**CoseCasa Ltd (C 15933)**

**Vs**

**Jean Paul Chetcuti (K.I. 305486(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2020, permezz ta' liema, is-soċjeta attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500), rappreżentanti bilanċ rivedut ta' prezz ta' diversi oġġetti mibjugħa u kkonsenjati mis-soċjeta attriċi lill-konvenut in konnessjoni man-negozju tal-konvenut u dan skond

rendikont anness mal-Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali indikata fl-istess Avviż[1];

Ra lill-konvenut debitament notifikat[2], naqas milli jippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-1 ta' Frar 2021[3];

Ra li fl-istess seduta, ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut;

Ra li fis-seduta sussegwenti, l-konvenut reġa naqas milli jattendi u b'hekk il-kapitolu preċedentement ppreżentat ġie dikjarat bħala mistqarr[4];

Sema x-xhieda ta' Andrea Agius[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, l-konvenut f'dawn il-proċeduri naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġie dikjarat li kien waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] Hekk kif indikat fit-timbru ta' notifika a fol 8.
[3] A fol 9.
[4] Seduta tat-8 ta' Frar 2021.
[5] A fol 13 *et seq.*

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess konvenut, u stante nuqqas tal-konvenut li jidher sabiex iwieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess konvenut[6].

Illi madanakollu, t-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizża l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[7].

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, inkluż id-dokumenti ppreżentati u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenut jħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta'

---

[6] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din listess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".*

elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500), bl-imgħax kummerċjali kif mitlub fl-Avviż tat-Talba[8] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 847/19[9], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[8] It-Tribunal iqis li dan in-negozju kien wieħed ta' natura kummerċjali, u d-data tal-14 ta' Marzu 2017 hija ġustifikata u temerġi minn Dok A anness mal-Avviż tat-Talba.
[9] Din l-ittra ġiet formalment ippreżentata mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi bħala Dok AA1 u tinsab a fol 16 tal-proċess.